MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru 1355/2010

**RENNIE XERRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Rennie Xerri, ta` 34 sena, iben Alfred Xerri u Geatana imwielda Attard, imwieled Pieta` fis-27 ta` Novembru, 1976, residenti gewwa 85, Triq Sant'Orsla, Valletta u detentur ta` karta ta` l-identita` numru 84877M.

Illi huwa akkuzat:

1. Talli f`dawn il-Gzejjer, f`Settembru, 2009 u fil-gimghat ta` qabel, b`diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta` Ommissis minuri ta` hmistax-il sena

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta` l-imputat fil-verbal datat 18 ta` Frar, 2011 (fol. 5);

Semghet il-konferma ta` l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Rennie Xerri** hati ta` l-akkuza migjuba kontra tieghu u wara li rat artikolu 18 204(1) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 7 tal-Kap. 446 tqieghed lil imputat taht Probation Order ghal perjodu ta' tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikologa Roberta Holland ghal perijodu ta' sentejn, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Roberta Holland.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Roberta Holland.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa netta u cirkostanzi kollha tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------